MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 1671/2003

**Godwin Gatt ezercenti l-kummerc taht l-isem
« Shopline Marketing »**

**vs**

**Alfred Azzopardi**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-26 ta' Frar, 2003 fejn intalab il-hlas ta' hames mija u sittax-il lira Maltija u tlieta u tletin centezmu (Lm516.33) dovuti lilha bhala prezz ta' prodotti varji li l-konvenut kien ordna u xtara minghand l-attur u dan kif jirrizulta mill-prospett immarkat bhala Dok.A;**

**Nonostante illi l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas anke permezz ta' ittra legali datata 18 ta' Jannar, 2003 (Dok.B) il-konvenut baqa' inadempjenti;**
**Bl-imghax mid-dati tal-fatturi indikati fuq il-prospett esibit sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez tal-prezenti kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut ipprezentata fit-8 ta' April, 2003, li fiha ntqal:**
**1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi ma hemmx rapport guridiku bejn il-partijiet;**
**2. Illi l-ammont imsemmi mhux dovut mill-konvenut li ma xtarax l-imsemmija prodotti;**
**3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess l-ammont mitlub huwa eccessiv minhabba l-mod kif gew ikkalkolati l-imghaxijiet kif ser jintwera fil-mori tal-kawza;**
**Ghaldaqstant it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti. Bl-ispejjez kontra l-istess attrici.**

**Illi l-kaz gie differit diversi drabi sabiex jixhed il-konvenut li pero` baqa' ma deherx.**

**Ra l-kapitolu prezentat mill-attur ghas-subizzjoni tal-konvenut, prezentat fl-10 ta' Ottubru, 2003.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur fil-kwalita` tieghu premessa, is-somma ta' hames mija u sittax-il lira Maltija u tlieta u tletin centezmu (Lm516.33) bl-imghax legali mill-11 ta' Marzu, 2003 sal-pagament effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------